# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Ġunju 2021**

**Talba Nru: 142/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**Dottor Karen Mugliett (KI 55266(M)) bħala amministrattriċi ta' Apollo Court Residents Association (Condominium No. 2644)**

**Vs**

**Anthony Pisani (K.I. 0069258(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 , permezz ta' liema, l-attriċi, qua amministrattriċi talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut jħallas lill-attriċi l-ammont ta' disa' mija, tmienja u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (€958.28) rappreżentanti sehem tal-konvenut mill-ispejjeż

t'amministrazzjoni u sehem tal-ħlas tar-riparazzjoni tal-*lift* ġewwa l-*condominia* indikat fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax[1];

Ra n-nota tat-22 ta' Frar 2021, permezz ta' liema, l-konvenut, tramite d-difensur legali tiegħu, rreġistra ammissjoni għat-Talba[2];

Ra n-nota tal-attriċi tal-21 ta' Mejju 2021, permezz ta' liema rriduċiet l-ammont għal erba' mija, tmienja u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€458.28)[3];

Ra dak reġistrat fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2021[4];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif jirriżulta mir-riassunt hawn fuq magħmul, d-deċiżjoni attwali ma tirrigwardax aktar dak mitlub fl-Avviż oriġinali[5].

Illi wkoll, kif indikat hawn fuq, l-konvenut, tramite l-avukat difensur tiegħu, rreġistra ammissjoni għat-Talba kif magħmula.

Illi għalkemm l-attriċi naqset milli tipproduċi xhieda u dokumenti in sostenn tat-talba tagħha, dawn iż-żewġ fatti proċesswali hawn fuq deskritti ma jagħtux aktar lok fejn dan it-Tribunal jista' jintilef. Fl-ewwel lok, bil-fatt lill-konvenut ħallas

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 18.
[3] A fol 23.
[4] A fol 24.
[5] U dan peress li permezz ta' nota ta' riduzzjoni l-ammont oriġinarjament mitlub ġie ridott wara ħlas mill-konvenut.

parti mid-debitu matul il-proċeduri, ġara li huwa ammetta l-eżistenza tad-dejn. Huwa ben magħruf li l-ħlas jippreżumi debitu.

Illi in oltre, n-nota t'ammissjoni tal-konvenut hija aktar qawwija minn kull evidenza oħra u dan in omaġġ tal-prinċipju li "*confessio est probatio probatissima*"[6].

Illi finalment, għandu jkun indiskuss li l-konsegwenza naturali (sakemm ma tingħatax raġuni valida) ta' dan il-ħlas huwa l-indennizz tal-ispejjeż ġudizzjarji li saru propju għal-irkupru tad-dejn oriġinali[7]. Dan sejjer jgħodd ukoll għal dak li jikkonċerna l-ħlas tal-imgħax, liema interessi ġew mitluba fl-Avviż.

Għaldaqstant, t-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut, jilqa' t-Talba hekk kif ridotta u jikkundanna l-konvenut jħallas l-ammont ta' erba' mija, tmienja u ħamsin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€458.28), bl-imgħax mis-7 ta' Lulju 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

6 *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.

7 Fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Fenech vs Joseph Cassar** (Citazzjoni Numru. 504/1997/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Marzu 2004 reġa ġie ribadit hekk: "*Hu principju pacifikament akkolt illi l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti, u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jistax jigi mehlus mill-hlas ta' l-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni in kuntrarju (Kollez. Vol. XLI P I p612);*"